**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 1953/2017 fl-ismijiet:**

**Rikors numru: 227/2017 CFF**

**Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

***vs***

**Ta' Giorni Ltd (C 44235)**

**Illum 15 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Ta' Giorni Ltd fejn esponiet:

Illi s-socjeta Ta' Giorni Ltd mhiex debitrici tas-socjeta' ARMS Ltd fl-ebda ammont stante illi wiehed mill-meters in kwistjoni kien jappertjeni ghal dar ta' abitazzjoni u kien gie mnehhi qabel id-dar giet imwaqqa, filwaqt li fil-kaz tal-meter l-iehor is-socjeta' Ta' Giorni Ltd kienet tablet lill-ARMS Ltd sabiex jispezzjonaw il-meter flimkien ma' ufficjali tas-socjeta' Ta' Giorni Ltd ghalbiex jiddentifikaw liema hu l-meter ghax ma hemm xejn li jindika li jappartjeni ghal Ta' Giorni Ltd.

Illi kwindi dan ir-rikors jehtieg li jinstemgha a tenur tad-dispositiv tal-artikolu 466 tal-Kap 12 fejn tablet li tichad it-talba tal-ARMS Ltd u konsegwentament tiddikjara nfondati a tenur tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta..

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' ARMS Ltd.

Rat **ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited** fejn esponiet:

1. Illi z-zewg kontijiet li taghhom qed jigi mitlub il-hlas dovut imsemmija fl-ittra ufficjali promotorja datata 27 ta' Lulju 2017 u cioe' dawk bin-numru 411000021205 u 101000036749, it-tnejn kienu u ghadhom registrati f'isem ir-rikorrent Ta' Giorni Ltd u ghalhekk huma r-responsabilita' tal-istess;

2. Illi r-rikorrenti qatt ma talbu t-tnehhija tal-meters, kif qed jigi allegat fir-rikors tal-istess rikorrenti;

3. Illi, ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti pro et nominee titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1953/2017 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhaal titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti.

Ikkunsidrat:

**Adrian Grech**, Financial Controller tas-socjeta' Ta' Giorni Ltd, jispjega li fejn kien hemm iz-zewg meters illum hemm blokka ta' flats. Meter minnhom li jispicca 21205 kienet l-istess kumpanija li applikat ghalih waqt li l-meter l-iehor kien tnehha qabel ma nbniet il-blokka u dan kien ta' dar ohra. Illi kompla jghid li kienu applikaw sabiex jitnehha dan il-meter qabel ma' beda l-bini. Waqt li l-meter l-iehor qieghed gewwa garage li kien gie traferit fuq sid iehor. Dan kollu kien sar bejn is-snin 2009 sat-2010 fejn kien tnehha l-meter.

**Reuben Bonnici** xehed fit-13 ta' Jannar 2021 u fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 fejn gew esebieti diversi dokumenti dok ARMS 1 sa dok ARMS 4.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta li s-socjeta rikorrenti kienet irceviet ittra ufficjali minn ghand is-socjeta ARMS Ltd sabiex thallas pendenzi fuq zewg meters li kienu registrati fuqha. Illi minn naha tas-socjeta' Ta' Giorni Ltd ma resqet ebda prova sabiex tohloq difiza ghal din it-talba tal-ittra ufficjali. Illi l-unika xhud li tressaq kien il-Financial Controller fejn semma biss li kienu nehhew xi meter sabiex tinbena blokka izda ma resqu ebda dokument dwar xi talba ghal xi trasferiment jew tnehhija. Illi minn naha tas-socjeta ARMS Ltd esebieti diversi dokumenti li juru li dawn iz-zewg meters kienu ghadhom jidhru fuq is-socjeta' rikorrenti u qatt ma kien hemm xi talba ta' tnehhija jew inkella xi trasferiment tal-meter ghal fuq xi persuna ohra.

Illi minn dawn il-fatti il-Qorti tara li hija daqxejn difficili kif meter tad-dawl li suppost kien qieghed jghajjat lir-rikorrenti tnehha u ma jidher minn inkien minn xi applikazzjoni jew inkella meter gie trasferit ghal terzi u xorta baqghu hergien kontijiet lis-socjeta' rikorrenti.

Illi pero minn dak li qal il-Financial Controller ghas-socjeta' rikorrenti, ma resqux prova wahda dokumentarja tal-fatti li huwa semma. Illi fuq tali nuqqas ta' dokumentazzjoni li turi li saru talbiet lejn is-socjeta' ARMS Ltd dwar it-tnehhija jew trasferiment tal-meters, ghalhekk dan il-fatt jibqa' juri li r-responsabilita' tal-konsumatur baqghet fuqha. Illi pero li huwa zgur ma kienx hemm talba mis-sidien il-godda jew inkella mill-istess rikorrenti li jitnehha dan il-meter minn gewwa dan il-post fejn kien jinstab. Illi ghalhekk din ir-responsabilita' tibqa' tippersisti sakemm issir it-trasferiment tal-istess meter. Illi jekk kien il-kaz li s-socjeta rikorrenti ma baqghetx taghmel uzu tal-meter fejn kien jinstab dan il-meter, pero hija kellha tizgura li jsir it-trasferiment minn fuqha ghal fuq terza persuna.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li tichad it-talba rikorrenti billi tiddikjara li t-talba maghmula bl-ittra ufficcjali numru 1953/17 mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Ta' Giorni Ltd (C 46054) ghandha tigi esegwita bhala titolu esekuttiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti Ta' Giorni Ltd inkluz dik tal-ittra ufficjali numru 1953/17 bl-imgħaxijiet legali mid-27 ta' Lulju 2017 (data tal-Ittra Ufficjali) sal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**